**Il-ħajja ikkonsagrata**

Illum qed niċċelebraw festa kbira
Tal-Preżentazzjoni tal-Mulej Ġesù,
Fit-Tempju ta' Ġerusalemm daqs elfejn
Sena ilu, biex iħeġġiġna fil-virtù.

Ġesù issokta jħobb lil tant persuni
Li kellhom jagħtuh ħajjithom minnufih,
L-għaliex baqa' jiġri ġirja warajhom
Riedhom għalih u għas-Saltna tas-Smewwiet.

Tant patrijiet u sorijiet u lajċi
Li wieġbu għal sejħatu mingħajr waqfien,
Ħalli jagħtu lilhom infushom lilu
U jaqduh fi ġlieda kontra dak il-jiem.

Ġabarhom f'komunitajiet ta' mħabba
Biex fihom, bil-ferħ u t-tbatija bil-mod,
Jgħallimhom iħobbu biex ilkoll bħalu
Isiru qaddejja li jinqdew fis-sod.

Hekk il-preżenza tagħhom hawn fostna
Hi ta' barka kbira li għandna naraw,
Anki meta ta' midinbin li aħna
Nikkundannawhom u bihom nitkażaw.

Imma Kristu li sejħilhom jindukrahom
Għax dawk tiegħu jibqgħu, lilhom iħares,
U mit-tron tiegħu li hu l-veru ġustizzja
Quddiem Missierna għalihom kemm jaqbeż.

Għax Hu biss jista' fis-sewwa japprezza
X'sagrifiċċji jagħmlu fis-skiet għall-bnedmin,
Jipperikolaw saħħithom għalina
U waqt il-bżonn kemm insibuhom fil-ħin.

Issa li għadhom magħna napprezzawhom
Qabel tiġi s-siegħa u ma nsibuhomx,
Imbagħad għalxejn nilmentaw li mingħajrhom
Jinħoloq vojt mejjet għax ma nfittxuhomx.

Le, ejjew nidraw ilkoll ngħixu issa
Ta' familja waħda bħalm'hemm fis-sema,
Li daqt, irridu jew le jkollna mmorru
Biex nisskutaw ħajjitna fil-miġemgħa.

Sapport, sapport, sapport ... tibqa' dil-għajta
Għal dawn l-għeżież ħutna ikkonsagrati,

Illum nieħdu deċiżjoni, ngħinhom,
B'qalbna miftuħa lejhom nkunu grati.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.